# IL-LAWRJA LILL-GVERNATUR

Il-jum 23 ta' Ġunju 1937 hu jum maħżuż b'ittri tad-deheb fi ktieb il-Ġrajja tal-Università tagħna. Jum kbir u sabiħ, għax fih l-Università daħħlet fost uliedha, l-illawrjati il-Gvernatur tagħna Sir Charles Bonham-Carter u l-Logutenent tiegħu Sir Harry Charles Luke. Jum sabiħ għalina wkoll, għax fih nies għolja, imżejjnin b'ħafna onuri oħra, ma stmellux li jiżżejnu bl-istess onuri li bihom niżżejnu aħna.

Iżda biex dan il-jum sabiħ ma jintilefx mal-jiem l-imgħoddija u ma jintesiex bħalma jintsew ħafna u ħafna jiem oħra, naraw xinhu li ġiegħel l-Università tagħti din il-lawrja.

Bħalma ħabbarna fil-għadd 74 is-Sultan tagħna Ġorġ VI għolla l-Uniaersità u qegħidha taħt il-ħarsien tiegħu. Ġieħ kbir, mogħti biss lil ftit fost l-Universitajiet tal-Kolonji Ingliżi, li juri kemm hi marbuta Malta mal-qalb tas-Sultan tagħna. U l-Università, biex turi kemm tgħożż dan il-ġieħ u din l-imħabba, riedet tagħti l-akbar unuri tagħha, jiġifieri, il-lawrja *honoris causa*, lil dak li hawn Malta jirrapresenta r-Re. Ir-Re weġġaħ l-Università ta' Malta u l-Università ta' Malta raddet il-ġieħ lir-Re. Ir-Re wera mħabba lejn Malta u Malta wriet imħabba lejn ir-Re.

Barra minn dan, kien xieraq ukoll li l-Università tweġġaħ il-Gvernatur u 'l Sir C. H. Luke minħabba l-interess kbir li dejjem ħadu fl-Università, fit-tagħlim u fl-istudenti. Bil-ħila tagħhom, flimkien mar-Rettur Prof. Rob. Galea, daħlet fil-*Union* u rtabtet ma' Universitajiet oħra tal-Imperu. U ma ninsewx li Sir C. H. Luke huwa bniedem għaref, gradwat ta' Oxford, u kittieb ta' ħafna kotba.

Mela l-lawrja lill-Gvernatur u lil-Logutenent tiegħu huwa l-ġieħ li jixirqilhom u jistħoqqilhom; huwa xhieda ta' mħabba bejn Malta u l-Ingilterra, xhieda ta' dak il-*Melitensium Amor* li misserijietna ħalfu aktar minn mitt sena ilu, u li għadu u jibqa jħeġġeġ dejjem fir-rabta wtiqa bejn il-Gżira ż-Żgħira u s-Saltna l-Kbira.

STUDENT.